DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2835** **18.12. 2013**

**IL-PRIM MINISTRU U S-SINJURA MUSCAT JILQGĦU LILL-PUBBLIKU F'KASTILJA FL-OKKAŻJONI TAS-SENA L-ĠDIDA**

Il-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat u s-Sinjura Michelle Muscat, se jkunu qed jilqgħu lill-pubbliku fil-Berġa ta' Kastilja biex jawguraw lil xulxin fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida.

Il-Prim Ministru u s-Sinjura Muscat se jiltaqgħu mal-pubbliku t-Tlieta 31 ta' Diċembru bejn it-3.30pm u l-5.00pm.

Fil-każ tal-imsieħba soċjali, l-NGO's u għaqdiet oħra li jixtiequ jiltaqgħu mal-Prim Ministru u mas-Sinjura Muscat, ikun ferm apprezzat jekk iċemplu fuq 2200 2400 biex iħallu d-dettalji tagħhom.

Waqt li jkun fil-Berġa ta' Kastilja, il-pubbliku se jkollu l-opportunità li jara s-Swali tal-Kabinett u tal-Ambaxxaturi kif ukoll jiffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi.

**Attachments: none** **Page: 1 of 1**

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt